# Patri Pelagio Mifsud u l-Għarb sal-1678

Dr Joseph Galea MD FRCS(CTh)

Fi żmien Ġian Piet Franġisk Agius de Soldanis għall-ħabta ta' nofs is-seklu tmintax kien hemm kittieb ieħor li ħallielna kitbiet importanti fuq ir-raħal tagħna tal-Għarb. Dan kien Patri Bartholomeo Mifsud iktar magħruf bħala Patri Pelaġju Mifsud, kappuċin. Meta de Soldanis kiteb id-dizzjunarju tiegħu, Patri Pelaġju kiteb parti minn dizzjunarju tal-Malti u fl-ewwel parti tiegħu għajjar lil de Soldanis li lsienu ma jaqtax[1] għaliex il-*'q'* kien ilissinha 'k'. Il-vera raġuni probabbli kienet li dak kien id-djalett tar-Rabtin t'Għawdex li bih kien jitkellem de Soldanis u mhux difett fit-tlissin tal-kliem tal-kittieb Għawdxi. Barra minn hekk f'diversi kitbiet privati Patri Pelaġju ħarbex li l-istess de Soldanis kien jindiehes mal-kbarat biex javanza lilu nnifsu u agħar minn hekk[2]. U jgħidu li kienu ħbieb! M'għandux bżonn għedewwa min għandu ħbieb bħal dawn!

L-Ewropa kienet għaddejja minn Żmien id-Dawl jew Żmien ir-Raġuni meta filosifiji ġodda promossi minn filosfi bħal Voltaire (1694-1778) u Rousseau (1712-1778) fi Franza u qabilhom John Locke (1632-1704) u Isaac Newton (1643-1727)[3] fl-Ingilterra biddlu kif in-nies ta' dak iż-żmien bdew iħarsu lejn il-politika, is-soċjeta u l-għarfien tan-natura. Dawn l-idejat ġodda ġrew bħal leħħa ta' berqa mal-bliet tal-Ewropa kollha u qabżu l-Oċejan Atlantiku fejn influwenzaw bil-kbir lil Benjamin Franklin, Thomas Jefferson u oħrajn fil-ġlieda tagħhom għall-Indipendenza tal-Amerika.[4,5] Għalhekk ħafna minn dawn l-idejat jinsabu fid-Dikjarazzjoni tal-Indipendenza Amerikana u fl-Abbozz tad-Drittijiet tal-Istati Uniti tal-Amerika.

F'Malta ma naqasx it-taħwid. Il-Gran Mastru Fra Manuel Pinto da Fonseca, Portugiż (Figura 1) laħaq Prinċep tal-Ordni fl-1741 u dam sa ma miet fl-1778.[6] Pawl Alpheran de Bussan kien Isqof tal-gżejjer Maltin minn 1728 sa 1757 u l-Isqof Bartilmew Rull ġie warajh u dam sa l-1769. Fl-1749 inkixfet rewwixta tal-Ilsiera Torok immexxija minn Mustafa Pasha li kienet fgata qabel ma twieldet minn Pinto u l-kavallieri.[7] Pinto kien jagħfas lin-nies bit-taxxi u keċċa l-Ġiżwiti minn Malta.[8]

Bartilmew Mifsud twieled Ħaż-Żebbuġ fl-10 ta' Frar 1708.[9] Ordnat saċerdot djoċesan fl-20 ta' Diċembru 1733 u ngħaqad mal-Ordni tal-Kapuċċini fit-30 ta' Diċembru 1742 bl-isem ta Patri Pelaġju Maria.[10] Telaq għall-Provinċja tal-Kapuċċini Minuri f'Regitana fl-1775 u miet fl-1781.[10] Flimkien ma Ġan Pietru Franġisk Agius de Soldanis, Franġisku Saverju Mifsud u l-Konti Ciantar, Patri Pelaġju kiteb fuq ġrajjiet Malta u Għawdex ta' żmienu u qabel żmienu. Fl-Arkivju tal-Katidral tal-Imdina hemm 4 manuskritti ta' Patri Pelaġju (54 sa 57)[11-14]. Dawn ġew mogħtija lill-Katidral tal-Imdina fl-1775 qabel ma ħalla Malta u jinsabu miżmuma fl-Arkivji tal-Katidral tal-Imdina. L-Għarb u l-ġrajja tiegħu jissemmew fil-manuskritt numru 55 li nkiteb għall-ħabta tal-1765-70.[12]

Jibda l-kitba fuq l-Għarb taħt it-titlu *'Notizia IV'* jew 'Nota 4' (Figura 2) f'paġna 117 tal-manuskritt. Taħt dan it-titlu Patri Pelaġju jikteb, *'Dello stato temporale e spiritual del casal Garbo, o' sia Aarbo e di sua Parrochiale Chiesa'* jiġifieri 'L-istat temporali u spiritwali tar-raħal tal-Għarb jew Aarb u tal-Knisja Parrokkjali tiegħu'.

Fil-bidu tal-kitba tiegħu fuq l-Għarb, Patri Pelaġju jikteb fuq diversi interpretazzjonijiet tal-oriġini tal-isem tar-raħal. Isemmi fost l-oħrajn li jista' jkun li meta l-Konti Ruġġieru rebaħ il-gżejjer Maltin, l-Għarab ġew imġiegħla jinġabru f'post wieħed, u dan kien possibilment l-Għarb. Din it-tejorija hija mġebbda sew u m'hemm l-ebda xhieda ta' dan. Jikteb ukoll li l-kelma l-Għarb tista' tkun ġejja mil-kelma 'għarib' li tfisser barrani għaliex kien hemm ħafna barranin joqogħdu f'dik ix-xaqliba. F'nota fil-ġenb ta' folja numru 118r iħarbex li xi wħud iridu jgħidu li tfisser 'fejn tinżel ix-xemx' jew kontrada esposta għall-punent (Figura 3). Għalkemm Patri Pelaġju ma jidhirx konvint minn din l-interpretazzjoni illum naħsbu li din hija l-iktar waħda korretta.

Ikompli Pelaġju li l-Għarb għandu art għammiela meta mqabbel ma' rħula oħra, nies b'fattizzi sbieħ u ta' statura pjuttost kbira u huma ħawtiela (Figura 4).

Iktar il-quddiem Patri Pelaġju jiddiskuti l-preżenza tal-Għerq tal-Ġeneral jew Fongo Melitense fuq il-Ġebla tal-Ġeneral li tinsab fid-Dwejra li dak iż-żmien kienet tagħmel parti mil-Għarb. Dan il-fungu kien imsemmi fil-kotba tal-Bottanika ta' dak iż-żmien. Il-Bottaniku Sqalli Paolo Boccone isemmi il-Fungo di Malta fil-ktieb tiegħu *'Icones & Descriptiones Rariorum Plantarum Siciliae, Melitae, Galliae, & Italiae. Quarum unaquaequo proprio charactere signata, ab aliis ejusdem classis facile distinguitur.*[15]

Patri Pelaġju jikteb fuq kif l-Għarb inqata' Parroċċa mil-Matriċi mill-Isqof Molina minħabba fost l-oħrajn 'il bogħod ta' 4 *miglia* mil-belt u *la cura d'anime delli Abitanti* ma kinitx sodisfaċenti. Kien hemm il-biżà ta' attakki fit-triq l-iktar fuq it-tfajliet (*specialmente zitelle).* Il-Parroċċa il-ġdida kellha knisja żgħira ddedikata liż-Żjara tal-Verġni Mqaddsa lil Santa Elizabetta msejħa tal-Virtut li kellha nixxiegħa żgħira tal-ilma ħdejja.

Fuq din il-knisja Patri Pelaġju jiddeskrivi u jagħti informazzjoni li ma ssibhiex fil-Ġrajjiet Għawdex ta' Agius de Soldanis u fonti oħra. Patri Pelaġju jikteb fit-tul fuq il-Knisja tal-Virtut illum imsejjħa taż-Żejt. Jinnota li din il-knisja kienet qabel iddedikata lill-Assunta[16] u jallega li kienet diġà teżisti fis-seklu erbatax u kienet mibnija fuq art propjetà tal-familja Abela. Din il-knisja kienet meqjusa bħala mirakoluża minn ħafna, kemm min-nies tal-inħawi kif ukoll oħrajn mill-Gżira Għawdxija kollha u jimplika li l-knisja ġiet mibnija minħabba li l-Madonna jew uriet ruħha jew qalgħet xi grazzja kbira lil xi ħadd (Figura 5).

Il-festa titular tagħha kienet tkun iċċelebrata bil-għajnuna tal-kontribuzzjonijiet tan-nies tal-lokal. Jgħid ukoll li l-ilma tan-nixxiegħa ta' ħdejn il-knisja kien ifejjaq il-morda u li n-nies tal-lokal jgħidu li darba flok



Figura 1. Il-Gran Mastru Fra Manuel Pinto da Fonseca



Notizia IV.

Figura 2. L-ewwel paġna tal-manuskritt ta' Patri Pelaġju fejn jikteb fuq ir-raħal tal-Għarb u l-knisja Parrokkjali tiegħu.



Figura 3. Nota fuq folja 118r



Alla fecondità del terreno corrisponde l'industria degl'Abitanti, li quali persone sono li più [illegible] in armese, che quelli degli altri Casali. Sono di ottima complessione; di corporatura quadra, ed inclinano alla gigantesca, intanto che sino a pochi anni sono vi si ammiravano uomini di statura veramente gigantesca, e che non nascevano a caso, ma per discendenza nascevano tali, e questi si deplorano venuti meno dacchè vi s'insinuarono le sue pestifere influenze da S. Giovanni [illegible] coronato debastosa; [illegible]

Figura 4. Art għammiela u nies ħawtiela



La propensissima divozione, che tuttavia conserva questo popolo e l'altri degl'Abitanti [illegible] verso questa Chiesa, e la denom.ne della Madonna Tal Virtut, che la vera impressa ci fà congetturare, che in quel sito l'anno fabbricata per un qualche rilevante e misterioso motivo, di uno qualche compassio, o singolare benefizio, che essa Ss.ma Vergine si compiacque ivi operare; e qualificano questa pia congettura il sito dov'era fabbricata la prima, il cui muro dorsale, che ancora si vede in vestigio e in buon essere, ma

Figura 5. P Pelaġju jikteb fuq il-Knisja mirakoluża tal-Virtut (folju 120r)



Figura 6. Il-Kwadru tal-Knisja tal-Virtut il-qadima (1651)

l-ilma kien ħareġ iż-żejt.[17]. Il-knisja l-qadima kienet ikkundannata fl-1657 mil-Isqof Balaguer u nbniet mill-ġdid. Il-kwadru tal-Viżitazzjoni kien imħallas jew impinġi minn M. Vittoria Micallef fl-1651 (M VITTORIA FECIT). Dan juri l-Madonna żżur lil Eliżabetta u San Ġużepp iħares lejhom (Figura 6)[18].

Il-knisja reġgħet inbniet fl-1657 għas-spejjeż tal-poplu u meta żarha l-Vigarju Ġenerali Mons Bologna



*Figura 7. Il-kwadru l-ġdid tal-Viżitazzjoni*



*Figura 8. Parti t'isfel tal-folju 119r*



*Figura 9. Folju numru 120v*

fl-1663 sabha f'kundizzjoni tajba.[18] Fil-Viżta Pastorali tal-Isqof Luca Bueno fl-14 ta' Ġunju 1667 sab li l-lampier kien mixgħul kuljum u li Bastjan Grima kien ħalla *'onze sette'* lil knisja fil-preżenza tan-nutar Lucius Deldoro.[18] L-aħħar darba li l-Knisja tal-Virtut (Taż-Żejt) reġgħet inbniet kien fl-1675, din id-darba għax l-oħra kienet żgħira wisq. Skont Pelaġju, in-nies tal-Għarb xtaqu jibnu l-knisja f'post iktar xott għaliex in-nixxiegħa tal-ilma li kienet taħt l-artal maġġur kienet qiegħda taffetwa l-pedamenti tagħha[17]. Għalhekk għażlu l-post il-ġdid u ħadu l-għodda tax-xogħol tagħhom fil-post minn filgħaxija biex filgħodu jsibhom lesti. Sa l-għada filgħodu l-għodda għosfrot u wara sabuha fil-knisja ta' San Lawrenz. Reġgħu ħadu l-għodda fil-post u minkejja li ħallew l-għassa magħha l-għodda mal-lejl marret fil-knisja ta' S. Lawrenz. Ma raw lil ħadd jieħu l-għodda, allura ddeċidew li l-Madonna trid il-knisja tagħha tinbena fl-istess post kif fil-fatt għamlu.[17].

Il-knisja issa tkabbret u magħha inbena zuntier. Benefattriċi kbira ta' din l-knisja kienet Domenicuzza Mifsud Piscopo li tat lill-knisja art madwarha biex jinbena zuntier u biex ikun hemm post għal ċimiterju fejn jindifnu n-nies. Din il-mara kienet qariba ta' Patri Pelaġju Mifsud u kienet ġejja mil-Familja Abela mlaqqma tal-'Għull'[16] li tissemma iktar 'il fuq.

Il-knisja l-ġdida kellha tribuna għall-artal maġġur,



*Figura 10. Il-Knisja tal-Virtut mibnija fl-1675.*



**Figura 11. Sezzjoni mil-folju 119v Manuskritt numru 55**

presbiterju żgħir u żewġ sagristiji żgħar waħda fuq kull naħa. Kellha kwadru titular ġdid 7 piedi għoli u 5 piedi wiesgħa nkwadrat bi gwarniċ indurat bid-deheb. Kien impitter minn id tajba u juri l-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta (Figura 7,8 u 9). Ras il-Madonna kienet mżejna b'kuruna tad-deheb. Hemm ukoll San Ġużepp fuq il-lemin tal-Madonna u Żakkarija fuq ix-xellug. Hemm jakkumpanjawhom puttini fis-sema u puttinu fuq il-lemin ta' San Ġużepp. Il-kwadru l-qadim tal-1651 ittieħed fis-sagristija.

Fuq in-naħa tal-lemin tal-artal maġġur ħdejn il-bieb tal-knisja li jħares lejn it-tramuntana hemm kwadru ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Fil-parti t'isfel tal-knisja hemm niċċa b'fonti tal-magħmudija skolpit mil-granit t'Għawdex u fuqu hemm għatu tal-injam.[19] Inbniet ħnejja fit-tarf nett tal-presbiterju u oħra faċċata tal-bieb tal-ġenb. Dendlu qanpiena tal-bronż fuq kampnar li bnew fuq il-bejt tal-kor in-naħħa tal-lemin tat-tribuna (Figura 10).

Meta l-bini kien lest inkitbet skrizzjoni fil-faċċata tal-knisja fuq il-bieb il-kbir tal-knisja li tgħid: '*Illustrissimus Frater Laurentius di Astiria Episcopus Melinus Phanum hoc reintegradum man davit populesque vero funditus demoliendum iterumque costruendum. Curavit 1675.*' (Figura 11)[16]. Din l-iskrizzjoni għadha hemm sal-lum.

Il-poplu tal-Għarb beda jħoss il-ħtieġa li jkollu l-parroċċa tiegħu. L-Isqof Luca Bueno ta l-permess biex tibda titqaddes quddiesa fil-Ħdud u l-Festi barra fil-Ħdud tar-Randan u l-Avvent fil-knisja tal-Virtut sa mill-1667.[20] In-nies tal-Għarb baqgħu jirsistu biex l-Għarb tinqata' parroċċa iżda bejn Diċembru 1675 u Awwissu 1676 faqqgħet il-pesta li qerdet ħafna nies miż-żewġ gżejjer u fixklet għal xi żmien il-pjanijiet tal-abitanti tal-Għarb li r-raħal tagħhom jkun parroċċa għalih.

Patri Pelaġju imbagħad jikteb fuq il-kisba tal-Għarb biex jinqata' parroċċa, l-bini tal-knisja l-ġdida f'ta' Nawrata u deskrizzjoni sħiħa ta' din il-knisja u l-kisbiet tagħha sal-1765. Jagħti wkoll lista tal-kappillani tal-Parroċċa tal-Għarb b'bijografija qasira, kif ukoll isemmi il-kappelli u knejjes li kienu jinsabu fl-Għarb f'dak iż-żmien. Dawn ikunu ttrattati f'kitba oħra.

**Referenzi**


1. Cassar Pullicino J. De Soldanis:Approaches to a biography. In Essays of De Soldanis. Editor Olvin Vella. Journal of Maltese Studies. No 27, 2010 paġna 28.
2. Grima Noel. Celebrating 300th Birthday of De Soldanis. Malta Independent 5th November 2012. http://www.independent.com.mt/articles/2012-11-05/books/celebrating-300th-birthday-of-de-soldanis-334233600/ ( (accessed 13th June 2013.
3. Kors, Alan Charles. Encyclopedia of the Enlightenment. Oxford: Oxford UP, 2003.
4. Michael Atiyah, "Benjamin Franklin and the Edinburgh Enlightenment," *Proceedings of the American Philosophical Society* (Dec 2006) 150#4 pp 591–606.
5. Miller (2006), *Native America, Discovered And Conquered: Thomas Jefferson, Lewis & Clark, and Manifest Destiny*, p. 169.
6. Testa Carmel. The Life and Times of Grandmaster Pinto. Midsea Books 1989.
7. Ibid paġna 127
8. Ibid paġna 282
9. Mdina Cathedral Museum Microfilm Project. A.C.M. Miscellanea http://www.hmml.org/centers/malta/cathedral/acmmisc/miscindex.html. Manuskritt numru 54. Note (accessed 13th June 2013)
10. Mdina Cathedral Museum Microfilm Project. A.C.M. Miscellanea http://www.hmml.org/centers/malta/cathedral/acmmisc/miscindex.html (accessed 13th June 2013)
11. Manuskritt 54: Notizie di Monasteri e Case Religiose tanto di uomini come di femmine di diversi ordini introdotte in Malta e Gozo raccolte dal Pre Pelagio Maria dalla terra Zebug Capuccino. ante a di' 10 Febraio 1708; ordinato sacerdote secolare a di' 20 Dicembre 1733, vestito Capuccino a di' 30 Dicembre 1742. Aggregato alla Provincia de' Min. Capni. Regitana nel 1775 e nello trasferirvisi in detto anno lasciato questo volume conservare nella Libreria della S. Madre Chiesa Cattedrale. (No. 1).
12. Manuskritt Numru 55: Notiziario intorno la Parrochiale Matrice dell'Isola Gozo: Intorno l'erezione della medesima in Collegiata: Intorno l'altre sei Parrochie ivi parimenti erette.
13. Manuskritt Numru 56: Miscellaneo di Notizie del P. Pelagio
14. Manuskritt Numru 57:Legendario Maltese raccolto e formato dal P. Pelagio Maria dal Zebbug Capuccino dato a conservare nella Libreria della Santa Chiesa Cattedrale nell 1775.
15. Paolo Boccone. Icones & Descriptiones Rariorum Plantarum Siciliae, Melitae, Galliae, & Italiae. Quarum unaquaequo proprio charactere signata, ab aliis ejusdem classis facile distinguitur. E Theatro Sheldoniano.apud Robertum Scott.(Oxford),1674
16. Manuskritt 55 Folja 119v
17. Manuskritt 55 Folja 121v
18. Manuskritt 55 Folja 119v nota fil-ġenb tal-folju.
19. Manuskritt 55 Folju 120v
20. Arkivi Episkopali Għawdex .Viżta Pastorali Luca Bueno 1667



